**31 ta' Diċembru**

**Tifkira ta'**

S. SILVESTRU I, PAPA

Sar Papa fis-sena 314 u mexxa l-Knisja fi żmien Kostantinu l-Kbir, meta ix-xiżma tad-Donatisti u l-ereżija ta' l-Arjani għamlu ħsarat kbar. Miet fis-sena 335 u difnuh fiċ-ċimiterju ta' Prixxila fit-triq Salaria.

**Fit-Tifħir ta' sbiħ il-jum**

Ant. Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-ispirtu ta' Missierkom li jitkellem fikom.

Talba

Mulej, agħti l-għajuna lill-poplu tiegħek bil-qawwa tat-talb tal-Papa San Silvestru, biex, wara ħajja taħt it-tmexxija tiegħek, naslu fil-hena tal-ħajja ta' dejjem. B'Ibnek.